**Minuti tal-Laqgħa nru 60 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 16 ta' Frar 2012 fis-7.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.14 p.m. | 10.00 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.30 p.m. | 8.05 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.30 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.12 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Dr Shirley Farrugia | 7.30 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.30 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | Assenti | |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.08 p.m. | 9.15 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.10 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.30 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.30 p.m. | 10.00 p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Philip Borg kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.01 Il-minuti tal-laqgħa 58 ta' l-Erbgħa 7 ta' Diċembru 2011 ġew approvati kif moqrija.

1.02 Il-minuti tal-laqgħa 59 tal-Ħamis 12 ta' Jannar 2012 ġew approvati kif moqrija għajr dawn il-korrezzjonijiet:

1.03 Dwar item 3.01: Is-sur Joe De Martino qal li l-aħħar sentenza flok "bi żvista inqabżet mid-diskussjoni u ma ġietx diskussa" għandha taqra "inqabżet mid-diskussjoni u ma ġietx diskussa għax ma kienx hawn il-kunsillier is-sur Mario Sammut".

1.04 Dwar item 6.01: Il-kunsillier Joe De Martino qal li fl-ewwel sentenza wara "Il-Kunsillier is- sur Joe De Martino talab" trid tiżdied il-frażi "għal darba oħra".

**2.00 Punti Mqajma mill-Minuti**

**2.01 Laqgħa Nru 59**

Dwar item 6.02: *Collection of mixed Household Waste:* Is-sur Joe De Martino irrimarka li fl-aħħar wara 11-il xahar kien ġie iffirmat il-kuntratt ma' Northern Cleaning Group.

3.00 **Aġġudikazzjoni ta' Offerti**

3.01 Is-Sindku qal li jekk m'hemmx x'jingħad dwar din il-materja naqbżu għall-materja numru 4.

**4.0 Korrispondenza**

4.01 Il-Kunsill irċieva talba mis-sur Martyn F. Attard biex l-ilma tax-xita ikun jista' jgħaddi minn tliet *culverts* u jmur fil-ġibjuni ta' Villa Gollcher li ġew mogħttija bix-xogħol ta' tarmac li sar fit-toroq Dr Chetcuti u Salvu Dimech.

4.02 Is-Sindku u s-Segretarju kellhom diversi laqgħat mas-sur Martyn Attard dwar l-ostaklu ta' l-ilma li jinżel minn Triq il-Kbira u Salvu Dimech u li issa ftit qed jitħalla jidħol fil-ġibjuni ta' Villa Gollcher.

4.03 Il-Kunsillier is-Sur Joe Demartino qal li tajjeb wieħed ikollu stima tax-xogħol li jrid isir biex tirrimedja s-sitwazzjoni. Is-Sindku qal li wieħed issa jrid jara kif se nirranġaw is-sitwazzjoni. Huwa semma bħala suġġeriment li jsiru S*leeping Policeman* . Il-perit, il-Kunsillier Chris Grech qal li kullma jrid isir huma tliet spralli. It-tabiba il-kunsilliera Shirley Farrugia wieġbet li l-kunsilliera ma kienux ġew ikkonsultati dwar din il-problema.

4.04 Issa kien imiss jagħmel l-intervent tiegħu l-avukat Dr Gauci Maistre li kien qed jirrapreżenta lis-Sur Attard li ma setax ikun preżenti għal-laqgħa peress li kien imsiefer. L-avukat semma li waqt li kien qed isir ix-xogħol il-foreman tal-kuntrattur kien qal lill-klijent tiegħu li kien se jieħu ħsieb il-problema huwa stess (il-foreman). Iżda il-foreman ma kien qal xejn b'dan lill-Kunsill . L-avukat kompla li meta is-Sur Attard mar jara il-ġibjuni kien sab ftit li xejn ilma ġo fihom. Fil-ġonna kellu madwar 300 siġra taċ-ċitru li kienu jridu ħafna tisqija. Is-Sur Attard ġab perit biex jissuġerixxi x'kellu jsir. Il-perit kien qallu li ried isir sprall f'nofs tat-triq u l-ilma jaqsam it-triq. B'żewġ spralli minn dawn kien isolvi l-problema.

4.05 Is-Sindku semma li l-ilma kien naqas ħafna minn Main Street. Il-kunsilliera Shirley Farrugia semmiet li kienu qed jitkellmu dwar spiża kbira. Hija semmiet li ried jittieħed parir tekniku dwar kif kellu jsir ix-xogħol.

4.06 Kompliet id-diskussjoni . Ħadu sehem attiv il-kunsilliera kollha. Taw il-pariri tagħhom il-perit Chris Grech, it-tabiba Shirley Farrugia, il-kunsillier Joe De Martino u s-Sindku Dr Paul Chetcuti Caruana.

ssir laqgħa bejn il-perit privat tas-Sur Attard , il-perit tal-kuntrattur V & C Contractors , il-perit tal-Kunsill Charles Buhagiar u s-Sindku tal-Kunsill.

4.08 Il-kunsilliera kkonkludew li l-metodu li jrid ikun hemm qbil dwaru jrid ikun l-aktar wieħed effettiv u l-aktar irħis. Is-Sindku semma li hawn wieħed irid joqgħod ħafna attent peress li dan il-każ jista' joħloq preċedent.

4.09 Korrispondenza Nru 2: Periklu fuq il-Bridge fi Triq il-Bidnija

4.10 Is-Sindku u l-Aġent Segretarju taw informazzjoni dwar il-korrispondenza li kienet għaddiet bejn il-Kunsill, il-perit tal-Kunsill Charles Buhagiar, l-Assistent Kummissarju Raymond Zammit u Transport Malta. Is-Sindku semma' li hawn kienu qed jitkellmu dwar ħsara kbira li kienet tlaħħaq eluf kbar ta' Euros.

4.11 Il-perit tal-Kunsill fl-2010 kien għamel rapport dwar il-ħsarat kbar li qed juri dan il-pont . Kemm il-pulizija kif ukoll il-Kunsill ikkomunikaw flimkien bil-kitba dwar il-periklu li kien qed joffri dan il-pont.

4.12 Transport Malta infurmaw lill-Kunsill li huma kienu jidħlu biss fl-aħħar stadju tal-periklu, jiġifieri meta l-pont ma tkunx tista' issirlu aktar manutenzjoni u jkun fi stadju li jiġġarraf. Sadanittant kien l-obbligu tal-Kunsill li jieħu ħsieb li kontinwament jagħmel il-manutenzjoni ta' dan il-pont.

4.13 Hawn it-tabiba Shirley Farrugia issuġġeriet u sar qbil bejn kulħadd li l-perit tal-Kunsill kellu jagħmel rapport aġġornat dwar l-istat tal-pont li kien jinsab fih illum. Il-Kunsillier il-Perit Chris Grech issuġġerixxa li wara li jsir dan ir-rapport tkun tista' titwaħħal tabella li turi t-tunellaġġ li kien jiflaħ il-pont. Il-perit kompla li l-finanzi tal-Kunsill kienu limitati u żgur ma kienux ikopru spiża kapitali ta' din ix-xorta. Huwa issuġġerixxa li tintbagħat ittra bl-avukat tal-Kunsill lill-Gvern Ċentrali fejn iżommu responsabbli dwar kull periklu li jista' jissuċċedi u jitolbu jieħu azzjoni.

4.14 Korrispondenza Nru 3: Monument tal-bronż tal-mibki ex Ministru Freddie Micallef . Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-MEPA keienet ħarġet il-permess biex jista' jingħata bidu għall-monument ta' l-ex ministru Freddie Micallef. Kopja tal-permess intbagħtet lill-perit Lawrence Gatt li kien qed jikkordina dan ix-xogħol.

4.15 Korrispondenza Nru 4: Allegat korruzzjoni u theddid tal-kunsillier Pawlu Agius fil-konfront tas-Sindku Dr Paul Chetcuti Caruana.

4.16 Inqrat ittra mibgħuta mill-Assistent Kummissarju Michael Cassar fejn informa lill-Avukat tal-Kunsill li l-każ kien għal kollox u kompletament investigat u instab li ma kien hemm l-ebda bażi li setgħet tittieħed azzjoni kriminali kontra xi ħadd. L-Assistent kompla li l-uffiċċju tal-*Attorney General* kien ukoll ikkonsultat.

4.17 Korrispondenza Nru 5: Estensjoni tal-Librerija Reġjonali tal-Mosta. Inqrat ittra mibgħuta mill-Ministeru tal-Edukazzjoni fejn tgħid li l-Ministru kien ġie infurmat

din l-estensjoni sakemm l-applikazzjoni tintbagħat mill-Kunsill Lokali u d-direttur tal-Gvern Lokali u tingħata ordni mill-Kummissarju tal-Pulizija li l-kmamar imsemmija ma għadx hemm użu għalihom mill-pulizija u għaldaqstant ikunu trasferiti mill-ġdid lid-Dipartiment tal-Artijiet.

4.18 It-tabiba Shirley Farrugia talbet li l-Kunsill għandu jkun jaf x'inhuma l-ħsibijiet tal-Ministru tal-Kunsilli Lokali dwar din it-talba. Il-perit Chris Grech kompla li b'hekk inkunu nafu liema huma l-kmamar li l-pulizija kienu lesti li jitilqu minn idejhom.

4.19 Ġie deċiż li l-Kunsill għandu jikteb lill-Assistent Kummissarju Raymond Zammit u lill-Ispettur Joseph Busuttil fejn jitlob laqgħa magħhom dwar dan is-suġġett.

4.20 Korrispondenza Nru 6: Il-Kunsill kien ġie infurmat li hu kien approva s-somma ta' 1000 Ewros biex setgħu jinxtraw it-*trophies* u jsir riċeviment fl-okkażjoni tal-Wirja ta' l-Għasafar. In-nefqa li kien għamel il-kunsillier Paul Agius kienet biss ta' 796.50 Ewros.

4.21 Korrispondenza Nru 7: Il-perit Anton Camilleri f'isem il-MRRA kiteb lill-Kunsill li d-Dipartiment tiegħu xtaq jagħti l-manutenzjoni taż-żewġ funtani ta' quddiem iz-zuntier tal-Knisja lill-Kunsill Lokali. Id-Dipartiment tar-Riżorsi kien lest li jħallas għas-sentejn ta' manutenzjoni lill-Kunsill Lokali li kien għad baqa' mill-ftehim kurrenti mal-kuntrattur.

4.22 Is-Segretarju ħa permess fejn talab lill-Kunsill biex f'ismu jikteb lid-Dipartiment u jistaqsih kemm kienet l-ispiża ta' sentejn ta' manutenzjoni preċedenti li kien nefaq id-Dipartiment mal-kuntrattur. Ukoll ikun jaf x'kundizzjonijiet oħra kien hemm marbuta ma' dan il-kuntratt.

4.23 Is-Sindku u s-Segretarju għandhom jagħmlu laqgħa mal-Perit Anton Camilleri, Ministeru tar-Riżorsi.

4.24 Is-Segretarju ta rendikont tal-ħafna talbiet li kienu qed jaslu fil-Kunsill biex issir remunerazzjoni ta' ħsarat li residenti kemm Mostin u oħrajn barranin kienu qed iġarrbu fil-karrozzi tagħhom. L-ispiża kienet qed tlaħħaq eluf ta' Ewros.

4.25 Il-kunsilliera iddiskutew din il-problema u kulħadd ħa sehem fid-diskussjoni . Il-kunsilliera Shirley Farrugia qalet li l-Kunsill ġa kien iddiskuta din il-problema u kien basar li kienu se jidħlu quddiemu ħlasijiet ta' din ix-xorta. Barra din is-sistema introdotta setgħet tagħti lok ta' abbuż. Hawn ġie deċiż li minn għada is-17 ta' Frar 2012 il-Kunsill ma jaċċettax aktar ħlasijiet għal tali ħsarat.

4.26 Il-kunsillier is-Sur Joe De martino hawn saħaq fuq l-importanza li jkompli jsir il-patching bil-*hot asphalt* . Hawn il-kunsilliera Shirley Farrugia semmiet il-każ ta' xogħol ta' asphalt mhux daqstant tajjeb li kien qed isir fid-daħla tal-Blata l-Għolja, in-naħa ta' ħdejn l-*iskips*. Is-Sindku dak il-ħin ċempel lil Giovann, il-kuntrattur responsabbli u ftiehem miegħu li l-għada l-Ġimgħa il-kuntrattur jiltaqa' mal-kunsilliera biex jispezzjonaw dan ix-xogħol.

4.27 Saret diskussjoni sħiħa dwar xogħol ta' ħsarat ta' toroq fil-lokalita' tal-Mosta. Il-kunsillier Chris Grech semma' l-ammont ta' flus mis-CCPS li forsi l-kunsill seta' jagħmel użu minnhom. Is-Sindku irrisponda li dawn kienu jilħqu l-ammont ta' madwar 600,000 Ewros iżda dawn ma setgħux jintużaw għal dan il-għan.

4.28 Korrispondenza Nru 8: L-avukat tal-Kunsill Joe Mifsud jagħmel talba lill-Kunsill biex jitħallas ta' ħafna siegħat żejda li kien ta lis-Segretarju tal-Kunsill meta kien attenda għal aktar minn tmintax–il-siegħa fl-uffiċċju tas-segretarju eżekuttiv tal-Kunsill biex jiddiskuti u jagħtih diversi pariri . It-talba hija ta' 1,231.92 Ewros għal 18 il-siegħa.

4.29 Is-Segretarju beda biex irrikonoxxa u irringrazzja lill-avukat tal-Kunsill għax-xogħol u servizz tant tajjeb li kien qed jagħti lill-Kunsill. Huwa qal li kull darba li kien jitlob is-servizz ta' l-avukat, is-sur Mifsud ikun pront u jiġi fl-uffiċċju tal-Kunsill biex jiddiskuti id-diffikultajiet li jiffaċċja is-segretarju.

4.30 Għalkemm waħda mill-kundizzjonijiet tal-konsulenza legali li l-avukat kellu mal-Kunsill kienet titlob li hu jattendi fl-uffiċini tal-Kunsill, is-segretarju talab lill-Kunsilliera jifhmu kemm l-avukat tal-Kunsill kien daħal sewwa fil-problemi u diffikultajiet tal-Kunsill u talab lill-Kunsilliera biex il-Kunsill jasal fi ftehim ma' l-avukat u jikkompensah tal-ħafna siegħat ta' konsulenza li kien qed joffri lill-Kunsill.

4.31 Is-segretarju għamel proposta biex l-avukat tal-Kunsill jitħallas id-differenza bejn l-ammont ta' 6,000 Ewro - l-offerta l-ġdida li kien offra (kienet offerta waħda tal-avukat Mifsud mitfugħa fil-kaxxa tal-offerti) l-avukat Mifsud fit-2 ta' Mejju 2011 u l-ammont ta' 4,320 Ewros li kien qed jitħallas biha l-avukat Mifsud bir-rata l-antika ta' l-offerta tiegħu . Din id-differenza (bejn 4,320 Ewros u 6,000 Ewros) kellha tkopri il-perjodu mit-2 ta' Mejju 2011 sa t-2 ta' Frar 2012. Wara it-2 ta' Frar 2012 l-avukat ikompli jitħallas bir-rata ta' 6,000 Ewros fis-sena. Dan kien is-suġġeriment tas-Segretarju Eżekuttiv lill-kunsilliera.

4.32 Il-kunsillier is-Sur David Meilak qal li filwaqt li semgħu x'kellu xi jgħid is-Segretarju huma ma setgħux jiċċaqilqu għalissa għaliex dan il-kuntratt kien wieħed minn kuntratti oħra li kien jiddependi mill-bord tal-aġġudikazzjoni. Huwa kompla li fiċ-ċirkustanzi preżenti wieħed kellu jistenna li jinħatar Kunsill ġdid.

4.33 Korrispondenza Nru 9: Tqassim ta' *Window Sill Planters* lir-residenti Mostin . Il-kumpanija Environmental Landscapes Consortium li magħha l-Kunsill Lokali tal-Mosta għandu kuntratt ta' manutenzjoni ta' *soft landscaping* u ġonna fil-konfini tal-Mosta għoġobha tagħti b'donazzjoni lill-Kunsill Lokali tal-Mosta numru (250) ta' *window sill planters* ġa imħawla lir-residenti Mostin. Dawn se jkunu imħawla bi fjuri ta' l-istaġun u għandhom jitpoġġew fi twieqi jew gallariji sabiex isebbħu l-ambjent.

4.34 It-tqassim ta' dawn il-*window sill planters* għandu jsir nhar it-Tlieta , l-Erbgħa u l-Ħamis 21,22 u 23 ta' Frar bejn it-8.30 a.m. u t-3.00 ta' wara nofsinhar.

4.35 Gie deċiż li kull kunsillier jieħu 10 formoli ta' applikazzjoni u kull impjegat 5 formoli fejn dawn jitqassmu lir-residenti u wara jmorru jiġbru l-*window / sill planter* mill-Kunsill. Il-kumplament tal-formoli (madwar 100) għandhom jitqassmu mill-handymen lir-residenti li joqgħodu fi pjazez jew sqaqien.

4.36 Fl-aħħar tal-korrispondenza is-Sindku ressaq proposta biex il-Kunsill jagħti ġieħ il-Mosta lil Ġużeppi Gatt ( ħu Ġorġ Gatt) li kien jinsab fl-aħħar ta' ħajtu. Din it-talba kienet waslet għandu mill-familja ta' Ġużeppi Gatt. Is-Sindku semma' dwar il-ġid li kien għamel f'ħajtu dan Ġużeppi Gatt lil kull min kien jitolbu l-għajnuna.

4.37 Saret diskussjoni dwar din il-materja. Is-Sur Joe De Martino qal li dan is-suġġett ta' Ġieħ il-Mosta ġa kien ġie diskuss qabel. Kienu saru in-nominazzjonijiet qabel u dan il-Ġieħ ingħata fid-data f'waqtha. Kompliet id-diskussjoni u issemma li dan għandu jiġi deċiż f'Jum il-Mosta ieħor . Ma kienx hemm qbil unanimu dwar din l-għotja u għaldaqstant ma setax jingħata.

4.38 Tqajjem il-punt li l-knisja kienet qed tkun mitfija . Il-kunsilliera iddiskutew dan il-każ. Is-Sur Joe Demartino semma' l-punt li dan għandu jkun diskuss b'urġenza. Huwa kompla li l-Kunsill kien ġa infurmat b'dan . Dejjem kienet l-użanza li l-Kunsill jieħu ħsieb jara li jixtri *timer* biex il-knisja tibqa' dejjem mixgħula. Ġie deċiż li jinxtara *timer* fl-aqsar żmien possibbli.

## 5.0 Materji Finanzjarji

5.01 Xi kunsilliera semmew li l-Iskeda tal-Ħlasijiet waslu għandhom dak inhar stess u għaldaqstant ma kellhomx żmien biżżejjed jaraw minn qabel dawn il-ħlasijiet. Ġie deċiż li l-iskrivana inkarigata għandha tara li dawn jaslu għand il-kunsilliera qabel.

5.02 Punt ieħor li tqajjem kien li minn laqgħa oħra tibda tingħata aktar informazzjoni dettaljata dwar ħlas ta' pagament li jkun sar. Bħala eżempju ssemma' li fis-salarju għax-xahar ta' Diċembru tal-impjegati tal-Kunsill kellu jingħad li miegħu kien hemm inkluż il-*bonus* tas-sena.

5.03 Il-kunsillier is-Sur Joe De Martino għamel riferenza għal ħlas ta' numri 183 u 184 li jitkellmu dwar ħlas lil V & C Contractors u Med Design Associates. Huwa qal li dan ix-xogħol ma kienx ġie approvat mill-Kunsill minn qabel. Iżda ġie deċiż li dan il-pagament għandu jitħallas xorta waħda.

5.04 Intalbet aktar informazzjoni dwar skeda numru 175 – l-ammont ta' 253.70 Ewros dovut għal *Photos re Christmas elderly party 2010.* Peress li l-*invoice* ma setgħetx tinstab dak il-ħin għal aktar verifika ġie deċiż li dan il-ħlas ma jitħallas għalissa iżda jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

**Diċembru 2010. Mistieden l-accountant is-Sur Michael Debono ta' D Consulta**

6.01 Fil-laqgħa preċedenti kien ġie deċiż li l-Kunsill għandu jistieden lill-*Accountant,* is-Sur Michael Debono ta' D Consulta biex jagħti l-ispjegazzjoni tiegħu.

6.02 Is-Sur Micahel Debono ta spjegazzjoni tal-kontenut tar-*Report & Financial Statement* għas-sena finanzjarja 31 ta' Diċembru 2010 kif ukoll għas-sena finanzjarja 31 ta' Diċembru 2011. Saru diversi mistoqsijiet. Il-kunsilliera Nicola Fenech Adami, b'mod speċjali staqsiet diversi mistoqsijiet u ħadet sehem attiv f'din id-diskussjoni ta' natura teknika.

6.03 Irriżulta li l-kunsill għas-snin 2010 u 2011 kellu surplus ta' Ewros 136,671 u 2,802 Ewro rispettivament.

6.04 Tkellem is-segretarju fejn qal li tul dawn l-aħħar jiem kemm is-Sur Debono kif ukoll l-istaff tiegħu attendew fil-Kunsill għal diversi jiem u sezzjonijiet kemm ma' iskrivana Ms Lorraine Zammit Tabone li kienet ta' għajnuna kbira għall-*accountants* u s-segretarju biex dawn ir-rapporti jistgħu jitlestew u jintbagħtu lid-Dipartiment fil-ħin.

6.05 Hawn is-segretarju talab lis-Sur Debono biex fil-jumejn li ġejjin jibgħat ix-xogħol kollu mitlub mid-Dipartiment lis-Segretarju tal-Kunsill biex hekk ikun jista' jintbagħat fil-ħin.

6.06 Ġie miftiehem li s-Segretarju għandu jinforma lill-Kunsilliera biex f'xi ġurnata 'l quddiem jattendu l-Kunsill biex jieħdu ritratt flimkien.

6.07 Is-Sur Mario Sammut talab permess mill-kunsill biex ikun jista jorganizza ħarġa għall-Anzjani fil-ġranet li ġejjin . Tkellem is-Sur Joe De Martino fejn qal lis-sur Sammut biex jagħmel dak li jħoss li jrid jagħmel iżda tajjeb jiftakar li dan iż-żmien mhux żmien li jsiru tali attivitajiet.

**7.0 Riżoluzzjoni KLM 19/2011 imressqa mill-Kunsillier Mario Sammut dwar : "Irtirar ta' Mozzjoni Nru 11 li kienet saret fis-6 ta' Ġunju 2008 dwar Rikonsiderazzjoni fuq Monumenti fi Pjazza Rotunda"**

7.01 Tkellem il-Kunsillier is-Sur Mario Sammut . Huwa qal li l-ħsieb wara din il-mozzjoni kien biex jara li l-każini jkunu jistgħu jiftehmu bejniethom.

Is-Segretarju ġie mitlub jinforma liż-żewġ każini dwar l-irtirar ta' din il-mozzjoni.

8.01 Peress li kienu issemmew xi punti oħra f'items oħra preċedenti ta' din l-istess agenda, din il-materja kienet ġiet eżawrita kollha qabel.

**9.0 Aġġornament**

Il-Laqgħa spiċċat fil-10.00p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

Philip Borg
Aġent Segretarju Eżekuttiv